**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 24 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru. 3/16**

**Paul Fenech**

**-vs-**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Paul Fenech** fl-20 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Awtorita` appellata datata 30 ta' Novembru 2015 pero` indirizzata lill-avukat sottoffirmat li waslet ghandu bil-posta registrata nhar il-Hamis 14 ta' Jannar 2016, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok X, gie deciz li t-talba tal-appellant kienet qed tigi respinta a bazi tal-fatt li huwa ma kienx dahhal ir-rapprezentazzjonijiet tieghu entro ghaxart ijiem dekorribbli mid-19 ta' Novembru 2015.*

*Illi l-appellant ghadu sal-lum ma giex notifikat bil-precitata decizjoni peress li din giet indirizzata lill-konsulent legali tieghu hawn taht iffirmat.*

*Illi apparti s-suespost ghandu jirrizulta li r-raguni moghtija ghal tali decizjoni negattiva fil-konfront tieghu hija fattwalment skorretta peress illi r-rapprezentazzjonijiet tieghu kienu gew maghmula mill-avukat sottoffirmat ghan-nom*

*tieghu nhar it-23 ta' Novembru 2015 u mghoddija by hand lill-Awtorita` appellata, l-ghada stess, nhar l-24 ta' Novembru 2015, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok Y.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu ghar-ragunijiet premessi ihassar ghal kollox u in toto d-decizjoni fuq citata tat-30 ta' Novembru 2015 moghtija mill-Awtorita` appellata kontra l-appellant.*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fit-2 ta' Frar 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. *Illi, preliminarjament, l-appell gie prezentat fuori termine u ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandhux jiehu konjizzjoni tal-appell interpost mir-rikorrent Paul Fenech.*

2. *Illi fil-mertu r-rikorrent ma jistax fejn jaqbillu jghid li d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti ma gietx lilu notifikata peress li giet notifika lill-avukat tieghu u mhux lilu direttament u fejn jaqbillu jghid illi huwa ghamel rapprezentazzjonijiet tempestivament billi pprezenta ittra ghan-nom tieghu l-avukat tieghu.*

3. *Illi d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti illi minnha qed jigi interpost dan l-appell hija wahda gusta u timmerita konferma filwaqt li l-appell interpost mir-rikorrent Paul Fenech huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez.*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda ta' Dr. Raphael Fenech Adami[1] u tar-rikorrent;[2]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha l-Awtorita` intimata qieghdha teccepixxi li l-appell odjern gie intavolat oltre t-tletin gurnata koncessi lil min irid jappella meta jhossu aggravat b'xi decizjoni bhal dik odjerna.

Illi d-difensur tar-rikorrent, Dr. Raphael Fenech Adami, xehed illi r-rikorrent kien mar ghandu b'ittra tal-Awtorita` intimata datata 18 ta' Novembru 2015 u hu kiteb is-sottomissjonijiet ghan-nom tal-klijent tieghu, u cioe` r-rikorrent, b'dan tal-ahhar iwassal l-istess sottomissjonijiet gewwa l-Awtorita` intimata b'idejh. Sussegwentement l-Awtorita` intimata baghtet ittra datata 30 ta' Novembru 2015 lil Dr. Raphael Fenech Adami

[1] A fol. 25 sa fol. 27
[2] A fol. 28 sa fol. 33

bid-decizjoni ahharija taghha, liema ittra giet ricevuta mill-istess avukat fil-14 ta' Jannar 2016.

Illi r-rikorrent ikkonferma li huwa fil-fatt kien mar ghand il-konsulent legali tieghu li kitiblu r-rapprezentazzjonijiet u hadhom hu stess l-Awtorita` intimata.

Illi jekk wiehed jifli l-ittra li permezz taghha giet komunikata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata u datata 30 ta' Novembru 2015 (Dok X a fol. 3) isib is-segwenti:-

*"Referenza tal-kaz: Applikazzjoni ghal tigdid ta' permess ta' xufier taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11*

*Suggett: Applikazzjoni ghal tigdid ta' permess ta' xufier*

*L-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta taghmel referenza ghar-rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek, ghan-nom tal-klijent tieghek Paul Fenech u ddecidiet illi tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' tigdid ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994, kif emendat) u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:*

- *Kellu <u>ghaxart</u> ijiem cans sabiex iressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu minn meta jircievi n-notifika. Is-sur Fenech inghata l-ittra by hand fid-19 ta' Novembru 2015 u ghalhekk kellu sad-29 ta' Novembru 2015 sabiex iressaq tali rapprezentazzjonijiet bil-miktub."*

Illi t-Tribunal ihoss li f'dan l-istadju bikri tas-smiegh tal-appell ghandu jaghmel is-segwenti osservazzjoni u cioe`:-

Illi ghalkemm l-Awtorita` intimata, fl-ittra sucitata, qieghdha taghmel referenza ghar-rapprezentazzjonijiet mibghuta mir-rikorrent, fl-istess nifs tghid li r-raguni ghar-rifjut tal-permess ta' tigdid hija ghaliex ir-rikorrent ma ressaqx rapprezentazzjonijiet fi zmien ghaxart ijiem!

Illi l-ghoti ta' dik li hi komunement maghrufa bhala t-*tag* huwa regolat b'Regolament 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) li jghid is-segwenti:-

*"(1) Ebda persuna m'ghandha ssuq vettura bil-mutur ghall-kiri jekk dik il-persuna ma jkollhiex tag ta' identifikazzjoni mahruga lilha mill-Awtorità.*
*(2) Xufier li jkun irid jikseb tag ta' identifikazzjoni taht dan ir-regolament ghandu jaghmel applikazzjoni ghand l-Awtorità billi jimla l-formola preskritta.*
*(3) L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li –*
*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
*(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,*

*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors.*
*(4) Sakemm ma jigux ordnati kondizzjonijiet li jinvolvu obbligi aktar oneruzi permezz ta' regolamenti ohra, ghall-fini ta' dan ir-regolament, persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:*
*(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87),*
*(b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali. L-applikanti ghal tag ta' identifikazzjoni ghandhom, ghalhekk, jipprezentaw lill-Awtorità certifikat tal-kondotta tal-Pulizija."*

Illi f'dan l-istadju t-Tribunal ihoss li hu opportun ukoll li jiccita r-Regolamenti pertinenti mil-Legislazjoni Sussidjarja 499.56 ( Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri):

*"21. (1) L-applikazzjoni għal permess ta' xufier għandha tiġi proċessata u deċiża mill-Awtorità.*

***(2) Id-deċiżjoni li tieħu l-Awtorità għandha tintbagħat lill-applikant bil-posta reġistrata fl-indirizz speċifikat fuq l-applikazzjoni.***

*(3) Meta l-Awtorità tkun ser tirrifjuta applikazzjoni, hija għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet tagħha għal dan. Kull avviż ta' rifjut għandu jgħid li lapplikant għandu dritt li, fi żmien għaxart ijiem, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità, fejn jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata u l-Awtorita` ghandha tiehu f'konsiderazzjini dawn ir-rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel ma tieħu deċiżjoni finali.* ***L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż bil-miktub, tgħarraf lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni finali tagħha.***

*(4) Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt jappella quddiem it-Tribunal minn dik id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta dik id-deċiżjoni tiġi notifikata lilu.*

*22. (1) L-Awtorità għandha, meta tagħti permess lix-xufier skond dawn ir-regolamenti, tagħti lill-applikant li jgħaddi, tag ta' xufier li turi li dik il-persuna ngħatat permess ta' xufier.*

*(2) Il-permess tax-xufier u t-tikketta ta' xufier għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha jingħata l-permess ta' xufier jew perjodu ieħor iqsar, speċifikat fuqhom mill-Awtorità, sakemm ma jkunux revokati jew sospiżi, u mhumiex trasferibbli."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata, bhal ma hi dik appellata, trid tintbaghat **lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni** u mhux lill-konsulent legali tal-applikant. U dan ghal ragunijiet ferm ovvji!

Illi r-Regolamenti gew imfassla mil-Legislatur biex jigu segwiti minn kulhadd, kemm mill-Awtoritajiet jew entitajiet pubblici, u kif ukoll mic-cittadin privat. Il-procedura mfassla f'diversi Regolamenti u ligijiet li minnhom jemanu l-poteri tal-Awtorita` intimata jimponu wkoll obbligi stretti fuq l-istess Awtorita` biex ma jigux lezi d-drittijiet tac-cittadin. U xoghol dan it-Tribunal hu proprju biex jirrevedi atti li jistghu ikunu lezivi b'dan il-mod.

Illi issa fil-kaz odjern il-ligi imponiet fuq l-Awtorita` intimata l-obbligu specifikat iktar 'il fuq, u cioe` dak li d-decizjoni tinbaghat lill-applikant personalment u mhux lil xi hadd iehor, anke jekk dan ikun il-konsulent legali tieghu. L-Awtorita` ma tistghax twarrab dan l-obbligu ghax jekk taghmel hekk tkun proceduralment skorretta. B'daqshekk it-Tribunal ma hu qed jimputa l-ebda *mala fede* fil-konfront tal-Awtorita` intimata imma b'din in-nuqqas ta' osservanza procedurali id-decizjoni minnha mahruga ma hix regolari bil-konsegwenza li ma jistgha qatt jinghad li beda ghaddej xi terminu ta' appell fil-konfront tar-rikorrent u allura wisq inqas jista' jinghad li l-appell gie introdott *fuori termine*.

Illi ghalhekk wara li t-Tribunal ghamel dawn l-osservazzjonijiet ihoss li l-ewwel eccezzjoni bl-ebda mod ma tista' tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista ta' dak suespost, qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtortita` intimata u jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors peress li d-decizjoni mehuda fil-konfront tar-rikorrent ghadha trid tigi notifikata regolarment lilu, wara liema, jekk ikun il-kaz, jibda jghaddi t-terminu li fih huwa jista' jappella l-istess decizjoni.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**